MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 665/2007

**Paolo Bonnici Limited (C 4186)**

**Vs**

**Renald Dalli**
**(ID 34346 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Settembru, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin lira, tnax il-centezmu Lm645.12 (illum Euro 1,502.73), rapprezentanti prezz ta` merkanzija varja lilu mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 31 ta` Mejju, 2007 u ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-31 ta` Marzu, 2007 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment, il-konvenut ma deherx la fis-seduta tat-18 ta` Jannar, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €1,502.73 gia` Lm645.12, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-31 ta` Marzu, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------